MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1678/2005

**Dr Lycia Cardona LL.D. bhala stralcjarju ta' Chickx Limited**

**vs**

**Mark Joseph Izzo**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-24 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu l-attrici talbet hlas tas-somma ta' sitt mija tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm623.00) rapprezentanti prezz ghall-fornitura ta' Chicken *Wings* u *Chicken Thighs* rikjesti mill-konvenut u lilu debitament ikkonsenjati per fatturi 23033, 23123, 23217, 23301, 23392, 23488, 23571, 23630, u 23743 b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittri bonarji u ta'l-ittra ufficjali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz f’l-1 ta’ Settembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ sitt mija tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm623.00) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------